

**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar u P.-J. Loewenthal, aġenti)

**Intervenjenti insostenn tal-kovenut:** Regency Entertainment Psychagogiki kai Touristiki AE (Maroussi, il-Greċċa), Elliniko Kazino Parnithas AE (Maroussi) (rappreżentanti: N. Nie Jahr, B. Hoorelbeke, I. Drillerakis u E. Rantos, avukati)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1575 tad-9 ta' Awwissu 2018 dwar il-miżuri għal ċerti każinojet Griegi SA.28973 – C 16/2010 (ex NN 22/2010, ex CP 318/2009) implimentati mill-Greċċa (ĠU 2018, L 262, p. 61).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Koinopraxia Touristiki Loutrakiou AE OTA – Loutraki AE – Klab Otel Loutraki Kazino Touristikes kai Xenodocheiakes Epicheiriseis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 72, 25.2.2019.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2022 – Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-610/19) (<sup>1</sup>)

*“Rikors għal annullament u għad-danni – Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Suq Slovakk tas-servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet broadband – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE – Sentenza li tannulla parjalment id-deċiżjoni u li tnaqqas l-ammont tal-multa imposta – Rifut tal-Kummissjoni li tħallas interassi moratorji – Artikolu 266 TFUE – Artikolu 90(4)(a) tar-Regolament ta’ Delega (UE) 1268/2012 – Ksur suffiċċientement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi – Ċaħda tat-tgawdija tal-ammont tal-multa mħallas indebitament – Lucrum cessans – Interassi moratorji – Rata – Danner”*

(2022/C 119/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrent: Deutsche Telekom AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Linsmeier, U. Soltész, C. von Köckritz u P. Lohs, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi u L. Wildpanner, aġenti)

## Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2019 li tirrifjuta li tħallas interassi moratorji lir-rikorrenti fuq l-ammont prinċipali tal-parti mill-multa rrimborsata wara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-827/14, EU:T:2018:930), u, min-naħħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kumpens għal lucrum cessans minħabba c-ċaħda tat-tgawdija ta' dan l-ammont prinċipali jew, sussidjarjament, għad-dannu li jirriżulta mir-rifut tal-Kummissjoni li tħallas interassi moratorji fuq dan l-ammont.

## Dispożittiv

- 1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas kumpens ta' ammont ta' EUR 1 750 522,83 lil Deutsche Telekom AG bħala kumpens għad-dannu mgħarrab.

- 2) Il-kumpens previst fil-punt 1 għandu jiżdied b'interessi moratorji, sa mill-ġħoti ta' din is-sentenza u sal-ħlas sħiħ, bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.
- 3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' ġunju 2019 li tirrifjuta li tħallas interessi moratorji lil Deutsche Telekom, għall-perijodu bejn is-16 ta' Jannar 2015 u d-19 ta' Frar 2019, fuq l-ammont prinċipali tal-multa rrimborsat wara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-827/14, EU:T:2018:930), hija annullata.
- 4) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 5) Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti minn Deutsche Telekom.
- 6) Deutsche Telekom hija kkundannata tbati nofs l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 363, 28.10.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-26 ta' Jannar 2022 – Unger Marketing International vs EUIPO –  
Orben Wasseraufbereitung (Purifikaturi tal-ilma)**

(Kawża T-325/20) (<sup>1</sup>)

*("Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Disinn li jirrappreżenta purifikatur tal-ilma – Raġuni għal invalidità – Nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet ta' protezzjoni – Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Karatteristiċi tad-dehra ta' prodott iddettati biss mill-funzjoni teknika tiegħu – Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002 – Dikjarazzjoni ta' invalidità")*

(2022/C 119/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Unger Marketing International, LLC (Bridgeport, Connecticut, I-İstati Uniti) (rappreżentant: C. Schulte, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Hanne, D. Hanf u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Orben Wasseraufbereitung GmbH & Co. KG

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Frar 2020 (Każ R 740/2018-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Orben Wasseraufbereitung u Unger Marketing International.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Unger Marketing International, LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 255, 3.8.2020.